VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,721, 19 ta' Ottubru, 2021
Taqsima B

A.L. 395 tal-2021

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2021 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni Dwar Deroga li Tippermetti Riċerka Xjentifika fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, flimkien mal-Ministru għal Għawdex, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis**, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni Dwar Deroga li Tippermetti Riċerka Xjentifika fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2021 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas li jippermetti Deroga għal Riċerka Xjentifika fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-"Qafas Regolatorju".

A.L. 394 tal-2021

(2) Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti u fi ħdan it-tifsira tal-Artikoli 9(1)(b) u 9(2) tad-Direttiva tal-Għasafar, b'mod partikolari meta moqrija flimkien mal-Artikolu 10 u l-Anness V(ċ) tal-imsemmija Direttiva tal-Għasafar, peress li fit-territorju tar-Repubblika ta' Malta:

(a) il-Verdun (*Chloris chloris*), Taż-Żebbuġ (*Coccothraustes coccothraustes*), l-Isponsun (*Fringilla coelebs*), il-Ġojjin (*Linaria cannabina*), l-Ekru (*Spinus spinus),* il-Gardell (*Carduelis carduelis*) u l-Apparell (*Serinus serinus*), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa bħala l-"ispeċi rilevanti", huma għasafar mhux residenti li jpassu;

(b) is-sistema li biha jinqabdu l-għasafar permezz ta' ranji mhijiex adegwata biex tinġabar informazzjoni*** dwar l-għasafar mill-ispeċi rilevanti b'ċurkett xjentifiku biex tipprovdi informazzjoni konklussiva dwar ir-reġjuni tal-oriġini tal-kontinġenti ewlenin tal-għasafar (popolazzjoni ta' referenza), kif

* Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis dwar din id-deroga taħt l-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva tal-Għasafar għal riċerka fuq is-seba' speċi tal-għasafar tal-għana u l-parametri assoċjati huma disponibbli hawnhekk: https://mgoz.gov.mt/en/Pages/WBRU/Ornis-Committee.aspx (13 ta' Ottubru 2021).

ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ bir-referenza C-557/15; u peress li

(ċ) persuni li jlibbsu ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar mill-iskema nazzjonali ta' tqegħid taċ-ċrieket f'saqajn l-għasafar ma jistgħux jużaw u huma etikament kontra l-użu ta' għajjat u taħrik għall-iskop ta' tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar u kontroll, liema għajat u taħrik huwa l-komponent ewlieni ta' kif jitħaddem mansab**,

il-Ministru qiegħed b'dan jaċċerta n-nuqqas ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra sabiex isir studju ta' riċerka komprensiva minn individwi li għandhom liċenza bl-użu ta' mnasab reġistrati bħala l-aktar metodu selettiv*** għat-teħid ta' kampjuni mill-ispeċi rilevanti, sabiex tkun tista' tinġabar informazzjoni mill-irkupru taċ-ċrieket xjentifiċi (kontroll) u tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi, segwiti bil-ħelsien immedjat lura fis-selvaġġ u sakemm dan huwa assolutament neċessarju biex tinkiseb l-informazzjoni li permezz tagħha tiġi determinata l-popolazzjoni ta' referenza ta' Malta tal-ispeċi rilevanti, skont id-dispożizzjonijiet tad-Diretiva tal-Għasafar u l-Qafas Regolatorju.

Tifsir.

L.S. 549.42.

2. Kliem u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi", u fil-Qafas Regolatorju.

Riċerka skont qafas stabbilit u l-kondizzjonijiet tal-liċenza speċjali għar-riċerka.

3. (1) Il-perjodu ta' riċerka u l-parametri assoċjati tiegħu għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet tal-Qafas Regolatorju u l-kondizzjonijiet tal-liċenza speċjali għar-riċerka.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kampjuni mill-ispeċi rilevanti għandhom jinqabdu biss permezz ta' użu ta' mnasab selettiv skont il-Qafas Regolatorju u l-kondizzjonijiet tal-liċenza speċjali għar-riċerka.

** Informazzjoni dwar għasafar mill-ispeċi rilevanti li ġew kontrollati f'Malta permezz tas-sistema ta' ranji mill-1920s sal-2018 hija disponibbli hawnhekk: https://birdlifemalta.org/wp-content/uploads/2016/08/BLM-Report_The-international-impact-of-hunting-and-trapping-in-the-Maltese-Islands.pdf [Sezzjoni 3.4 u 3.5.3] u https://mgoz.gov.mt/en/Documents/WBRU/Reports%20and%20Statistics/ringRecov0818.pdf.

* Rapport dwar is-selettività u d-daqs tal-malju kienu ppreżentati mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi lill-Kumitat Ornis fil-31 ta' Lulju 2019 (inkluż bħala Anness A mal-minuti tal-Kumitat tal-istess laqgħa) u huwa disponibbli hawn: https://mgoz.gov.mt/en/Documents/WBRU/Reports%20and%20Statistics/selMesSizMetUseLiCa.pdf

** Rapport dwar is-selettività u d-daqs tal-malju u kif jitħaddem mansab kienu ppreżentati mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi lill-Kumitat Ornis fil-31 ta' Lulju 2019 (inkluż bħala Anness A mal-minuti tal-Kumitat tal-istess laqgħa) u huwa disponibbli hawn: https://mgoz.gov.mt/en/Documents/WBRU/Reports%20and%20Statistics/selMesSizMetUseLiCa.pdf

(3) Detenturi ta' liċenza speċjali għar-riċerka jistgħu jaqbdu u jimmaniġġjaw għasafar mill-ispeċi rilevanti sabiex jistabbilixxu liema kampjuni huma mlibbsin ċurkett xjentifiku, biex jirrekordjaw in-numru ta' identifikazzjoni taċ-ċurkett xjentifiku (kontroll), jirrappurtaw il-kampjuni kollha maqbuda dak il-ħin stess wara l-ħelsien immedjat lura fis-selvaġġ tal-istess kampjuni kollha mill-istess sit ta' riċerka, u jissottomettu l-formola taċ-ċrieket maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi fi żmien stipulat mit-Taqsima wara li jagħlaq il-perjodu ta' riċerka, skont il-kundizzjonijiet tal-liċenza speċjali għar-riċerka u skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7 tal-Qafas Regolatorju.

(4) Persuni liċenzjati biex ilibbsu ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar jistgħu jlibbsu ċurkett xjentifiku fuq kampjuni tal-ispeċi rilevanti, segwit mill-ħelsien immedjat tagħhom lura fis-selvaġġ mill-istess sit ta' riċerka skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (5) tar-regolament 7 tal-Qafas Regolatorju.

Jiġi stabbilit il-perjodu ta' riċerka.

4. Għall-iskop li jiġu stabbiliti d-dati u t-tul tal-perjodu ta' riċerka skont ir-regolament 8 tal-Qafas Regolatorju, u għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu ta' riċerka għall-ispeċi rilevanti għas-sena 2021 għandu jkun ta' tnejn u sittin (62) jum mill-20 ta' Ottubru 2021 sal-20 ta' Diċembru 2021, iż-żewġ dati inklużi, għall-Verdun (*Chloris chloris*), Taż-Żebbuġ (*Coccothraustes coccothraustes*), Sponsun (*Fringilla coelebs*), Ġojjin (*Linaria cannabina*), Ekru (*Spinus spinus*), Gardell (*Carduelis carduelis*) u Apparell (*Serinus serinus*):

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jieqfu milli jkollhom effett u ebda attività ta' riċerka ma għandha tkun permessa jekk il-Ministru jordna, b'avviż fil-Gazzetta jew bi kwalunkwe avviż ieħor, li l-perjodu ta' riċerka għandu jintemm immedjatament jew f'data kif speċifikata mill-Ministru. Il-persuni bil-liċenza kollha għandhom jiġu infurmati minnufih dwar din l-iskadenza permezz tas-servizz ta' messaġġ qasir (SMS) fuq in-numru indikat minn dik il-persuna fl-applikazzjoni għal liċenza speċjali għar-riċerka.

Drittijiet għal liċenza speċjali għar-riċerka.

5. Liċenzi speċjali għandhom jinħarġu wara li jitħallas id-dritt nominali ta' ħamsa u għoxrin euro (€25), kemm-il darba l-kondizzjonijiet stipulati fis-subregolament (5) tar-regolament 10 tal-Qafas Regolatorju jiġu sodisfatti.